MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2009

Numru. 52/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**
**Thomas Cassar ta’ sittax-il sena, bin Anthony u Bella Claudia Nicoletta nee’ Dommelon, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar il-24 ta’ Marzu 1993, residenti fil-fond numru Casa Bella, Triq il-Masri, Xaghra u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 15793(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Thomas Cassar akkuzat talli f’Ghajnsielem, f’dawn il-gzejjer, gewwa Triq il-Hamri nhar it-30 ta’ April 2009, ghal habta tal-ghaxra u ghaxra ta’ fil-ghaxija (2210hrs):

a) ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda

inqas minn elf mija u erbgha w erbghin centezmu (€1164.69) ghad-detriment ta' Anthony Cassar (ID no 36061(G)).

Rat id-dokumenti esebieti

Rat il-verbal tas-seduta ta'l-1 ta' Dicembru 2009.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-12 ta' Awissu 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Ikkunsidrat:

Illi mill-verbal ta'l-1 ta' Dicembru 2009, jirrizulta illi l-parti leza Anthony Cassar li jigi missier l-imputat iddikjara illi huwa ma xtaqx jixhed fil-konfront ta' ibnu f' dawn il-proceduri. Inoltre iddikjara illi ma xtaqx jipprocedi fil-konfront ta' ibnu u li kien qieghed jirrinunzja ghal kwalsiasi pretensjoni illi huwa jista' talvolta ghandu fil-konfront ta'l-imputat. Jirrizulta ukoll mid-Dokument E esebiet fl-atti tal-kawza, illi l-partijiet kollha involuti f'dana l-incident li kellu bhala sfond tieghu problemi matrimonjali bejn Anthony Cassar u martu li tigi omm l-imputat, lahhqu ftehim u irrinunzjaw ghal kawlasisai azzjoni kriminali pendenti fil-konfront ta' xulxin.

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni dana il-verbal u d-dokumenti esebieti, l-prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, l-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u dana fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------